# Dehra ġdida għall-Foresta 2000 wara l-mewġa ta’ vandaliżmu tas-sena l-oħra

## Xogħlijiet ta’ titjib fir-riserva ta’ BirdLife Malta bis-saħħa ta’ għajnuna finanzjarja mill-Fondazzjoni Alfred Mizzi

Wara l-aktar mewġa riċenti ta’ vandaliżmu fil-Foresta 2000 is-sena li għaddiet, meta numru ta’ siġar taż-Żebbuġ ġew issegati, il-Fondazzjoni Alfred Mizzi intervjeniet u bis-saħħa ta’ donazzjoni finanzjarja, matul is-sajf saru numru ta’ xogħlijiet biex iz-zona tiġi mtejba.

Fost l-oħrajn twaħħlu bankijiet ġodda li issa qed jintużaw mit-tfal tal-iskejjel li jżuru l-post għal *fieldwork*. Ġew installati wkoll numru ta’ *information panels* ġodda li jiggwidaw lill-viżitaturi fil-mixjiet li wieħed jista’ jagħmel f’dan is-sit, kif ukoll jipprovdu informazzjoni dwar il-flora u l-fawna li jinstabu f’dawn l-inħawi.

Il-Foresta 2000 tinsab fil-parti elevata li tħares fuq ir-Riserva Naturali tal-Għadira fil-Mellieħa. L-idea li welldet dan il-post tmur lura lejn l-1995 meta BirdLife Malta ħarġet bl-idea li l-bosk mitluq li kien jifforma din l-art jiġi restawrat u jingħata lura d-dehra oriġinali tiegħu. Ix-xogħol fuq iz-zona beda fl-ewwel parti tas-snin elfejn meta BirdLife Malta stiednet ukoll lil Din l-Art Ħelwa u lill-PARKS (Id-Direttorat għall-Parks, l-Afforestazzjoni u r-Restawr tal-Kampanja, li llum inbidel fl-aġenzija Ambjent Malta) biex jingħaqdu fil-proġett. Ix-xogħlijiet inizjali kienu jikkonsistu f’ħidma biex titwaqqaf l-erożjoni tal-ħamrija, il-bini ta’ ħitan tas-sejjieħ u l-identifikazzjoni ta’ mogħdijiet għall-mixi.

Kif jispjega Ray Vella, *managing warden* tar-Riserva Naturali Foresta 2000, l-aktar biċċa xogħol iebsa dak iż-żmien kien l-eżerċizzju ta’ tħawwil ta’ siġar, hekk kif kellhom jiġu mħawla 20,000 siġra u arbuxxell.

Is-sens ta’ diżappunt li nħossu kull meta jkollna xi att vandalu ma joqgħodx ħdejn is-sigħat twal ta’ xogħol li għamilna biex illum irnexxielna noħolqu foresta f’dawn l-inħawi” qal Ray Vella. “Meta timxi tul dan is-sit, mimli friefet u naħal, bl-għasafar ibejtu fiż-Żnuber u fid-Deru tinduna kemm il-ħolma ta’ BirdLife Malta llum inbidlet f’realtà, realtà li qed titgawda bl-akbar libertà mill-membri tal-pubbliku”.

L-att vandalu tas-sena l-oħra f’dan is-sit pubbliku kien daqqa ta’ ħarta għax-xogħol iebes kollu li sar tul is-snin. Il-masġar ta’ 36 siġra taż-Żebbuġ li ġew issegati b’serrieq tal-elettriku, kien ingħata b’donazzjoni minn Din l-Art Ħelwa u kien tħawwel tmien snin qabel.



L-inċident ta' Ġunju 2017 kien ikkaġuna danni li hu stmat li jammontaw għal madwar €3,600 u kien attentat maħsub biex ifixkel il-ħidma kemm ta' BirdLife Malta kif ukoll ta' Din l-Art Ħelwa. B'xorti tajba, però, b'rispons għal dak li seħħ, numru ta' individwi u organizzazzjonijiet offrew l-għajnuna tagħhom. Il-Fondazzjoni Alfred Mizzi marret pass oltre u impenjat ruħha li tgħin billi tappoġġja finanzjarjament numru ta' xogħlijiet li kien meħtieġ li jsiru f'dan il-bosk uniku u mimli diversità.

Chris Briffa, mill-Fondazzjoni Alfred Mizzi, ikkummenta: "Il-Fondazzjoni tagħna hija dejjem aktar konxja tal-ħtieġa li nħarsu u anke ntejbu l-ambjent lokali. Il-Foresta 2000 hija ġawhra nazzjonali u aħna kuntenti ferm li konna f'pożizzjoni li nassistu lil BirdLife Malta biex ittejjeb din ir-riserva."

Din ma kinitx l-ewwel darba li l-proġett ta' afforestazzjoni Foresta 2000 spiċċa fil-mira ta' atti ta' vandaliżmu. F'Settembru 2004, madwar 100 siġra nqalgħu mill-għeruq u saritilhom il-ħsara flimkien ma' għadd ta' ċnut u sinjali li hemm fir-riserva li hija kbira 104 ettari. Tul l-2006 fi tliet okkażjonijiet separati bejn Lulju u Settembru kien hemm diversi attentati ta' ħruq fis-sit li tħalla vandalizzat. F'Mejju tal-2007, 3,000 siġra oħra nqatgħu tul il-lejl. Imbagħad, f'April 2010, 104 siġriet saritilhom il-ħsara f'każ li wassal biex tliet kaċċaturi ġew ikkundannati u wara li appellaw ġew ordnati jħallsu multa ta' €12,229.35 kull wieħed għall-involviment tagħhom. Apparti dawn l-atti vandali, f'każ separat f'April 2009 *ranger* safa fil-mira ta' tiri sparati fir-riserva u saħanistra kellu jiddaħħal l-isptar.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**
- L-att vandalu ta' Ġunju 2017 fil-Foresta 2000
- Il-Fondazzjoni Alfred Mizzi tintervjeni favur il-Foresta 2000

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-0eG6t0AgVu**
1. *Information panels* ġodda jiggwidaw lill-viżitaturi tal-Foresta 2000 fil-mixjiet li jistgħu jsiru madwar is-sit (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Sar ukoll titjib fin-*nature trail* bl-installazzjoni ta' poġġaman tal-injam tul it-taraġ li jwassal sat-Torri l-Aħmar (Ritratt ta' BirdLife Malta)
3. Waħda mis-siġar taż-Żebbuġ li nqatgħu s-sena l-oħra (Ritratt ta' Veerle van Werde)
4. Il-masġar taż-Żebbuġ li ġie vandalizzat (Ritratt ta' Veerle van Werde)
5. Siġra oħra taż-Żebbuġ li ġiet vandalizzata (Ritratt ta' Veerle van Werde)

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/Y6d8VlTU9No**
- Filmati tal-masġar taż-Żebbuġ li ġie vandalizzat fil-Foresta 2000 f'Ġunju 2017 (Filmati u muntaġġ ta' BirdLife Malta)

